ID-DIRETTORAT GĦAL KWALITÀ U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
Id-Dipartiment tal-Kurrikulu u l-eLearning
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv
**L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Sekondarji 2012**

Rotta 3

**IR-RABA' SENA L-ISTUDJI SOĊJALI (*Option*) IL-ĦIN: Siegħa u nofs**

**L-Isem: ___________________________________ Il-Klassi: ______________**

**Din il-karta tal-eżami fiha ERBA' Taqsimiet (A, B, C u D). L-istudenti jridu jwieġbu t-taqsimiet KOLLHA. Il-marki għal kull taqsima jidhru bejn il-parentesi.**

**Taqsima A**

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu.**

"Grupp ikun magħmul minn nies li fi ħdan il-grupp jissoċjalizzaw flimkien, u għalhekk dawn jissejħu **grupp soċjali**. Dawn ir-rabtiet jistgħu jkunu kemm formali jew informali. B'rabtiet formali nifhmu li l-grupp ikun mibni fuq regoli stabbiliti li jorganizzaw l-għaqda. Eżempju ta' dan huma r-regoli ta' klabb, li jkunu mniżżla fl-istatut u jitlob mill-membri li jsegwuhom biex b'hekk jiffurmaw parti mill-grupp. Eżempju ieħor fuq skala ikbar hi l-liġi li titlob liċ-ċittadini membri biex iħarsuha.

Tip ta' rbit ieħor hu dak informali, jiġifieri regoli u normi li ma ġewx stabbiliti permezz ta' kitba, biss il-membri tal-grupp ilkoll jafuhom. Fost dawn hemm ir-regoli bejn grupp ta' ħbieb: dawn ir-regoli jkunu miftiehma bejn il-ħbieb mingħajr ma qatt ġew mitkellma jew miktuba, imma l-individwi tal-grupp ikunu jħossu li hemm bżonn isir hekk biex il-grupp jibqa' sħiħ. Tkun liema tkun it-tip ta' rabta li żżomm il-grupp flimkien, ħafna gruppi jingħaqdu flimkien minħabba li l-persuni membri jkunu jħaddnu valuri simili għal xulxin. Anzi, meta grupp ikollu fih taħlit ta' valuri, għalkemm dan jista' jwassal biex il-grupp ikun varjat, jista' jkun ukoll il-kaġun ta' kunflitt."

**Silta meħuda minn *Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà* (Editur, Brian Chircop)**

1. X'tifhem bil-frażi **grupp soċjali**? (3 marki)
2. Uri d-differenza bejn "**peer group**" u "**pressure group**" u agħti eżempju ta' kull wieħed minn dawn. (6 marki)
3. F'kull grupp li nkunu jkollna rwoli differenti. Ikteb dwar **TLIET** gruppi li int tifforma parti minnhom u ikteb dwar ir-rwol tiegħek fi ħdan kull grupp. (6 marki)
4. Spjega x'nifhmu bi **grupp primarju** u **grupp sekondarju** u agħti eżempju ta' kull wieħed minn dawn. (6 marki)
5. Semmi **ERBA'** forom tal-iktar grupp bażiku li l-individwu jagħmel parti minnu. (4 marki)

**25 marka**

**Taqsima B**

**Aqra sew is-silta li ġejja u wara wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li jsegwu.**

"Mill-bosta termini li nafu dwar l-edukazzjoni, dak l-iżjed adattat huwa li l-edukazzjoni hija proċess tul il-ħajja kollha tal-bniedem. Bl-edukazzjoni l-individwu jkun qiegħed jiżviluppa l-kapaċitajiet jew it-talenti moħbija tiegħu, filwaqt li jagħraf il-mod kif iġib ruħu. Fi kliem ieħor, jara kif hu mistenni li jġib ruħu fis-soċjetà, mis-soċjetà stess. B'hekk l-edukazzjoni hija importanti ferm kemm għall-individwu u għas-soċjetà, minħabba l-iżvilupp u l-formazzjoni tal-karattru li jħallu marka fuq l-imġiba, l-attitudnijiet u l-valuri."

**Silta meħuda minn *Studji Soċjali – Nifhmu l-Ġenn tas-Soċjetà* (Editur, Brian Chircop)**

1. X'nifhmu meta ngħidu li l-edukazzjoni hija **proċess tul il-ħajja**? (5 marki)
2. L-edukazzjoni tipprepara liż-żgħażagħ għall-**ħajja tax-xogħol**. Kif tagħmel dan? (5 marki)
3. Fl-iskola niltaqgħu ma' bosta nies, u dawn kollha jgħallmuna affarijiet differenti. Min huma l-**aġenti sekondarji tas-soċjalizzazzjoni** li nsibu fl-iskola? (5 marki)
4. Wieħed mill-għanijiet tal-edukazzjoni hu li jgħallimna nkunu **interdipendenti** u **indipendenti.** Spjega dawn iż-żewġ kelmiet u uri d-differenza bejniethom. (6 marki)
5. Għaliex ngħidu li l-edukazzjoni hi **ta' ġid għall-individwu u għas-soċjetà**? (4 marki)

**25 marka**

**Taqsima C**

**Wieġeb il-mistoqsijiet KOLLHA li ġejjin.**

1. Pajjiż ma jistax jiżviluppa jekk ikollu ħafna nies illitterati. X'nifhmu bil-kelma **illitteriżmu**? Taħseb li f'Malta għandna nies illitterati? (5 marki)
2. Il-bniedem minn dejjem kellu xi twemmin reliġjuż u fil-fatt madwar id-dinja nsibu numru kbir ta' reliġjonijiet differenti. X'toffri r-reliġjon għall-bniedem u għas-soċjetà? (5 marki)
3. Il-Ġnus Magħquda kienet ħarġet 'charter' dwar id-**drittijiet universali u fundamentali tal-bniedem**. Semmi **ĦAMES** drittijiet li persuna tgawdi f'pajjiż demokratiku. (5 marki)
4. Il-**produzzjoni tal-massa** (*mass production*) ġabet tibdil kbir fid-dinja tax-xogħol. Ġabet kemm vantaġġi kif ukoll żvantaġġi. Ikteb dwar dawn fejn jirrigwarda l-ħaddiem u l-konsumatur. (4 marki)
5. Liema huma t-**TLIET** istituzzjonijiet ewlenin tal-Istat li huma responsabbli mit-tħaris u t-tħaddim tal-kostituzzjoni? Semmi r-rwol ta' kull wieħed minn dawn. (6 marki)

**25 marka**

**Taqsima D**

**Agħżel WIEĦED mit-temi li ġejjin u ikteb madwar 250-280 kelma dwaru. Il-komponiment fih 25 marka.**

1. L-użu tas-sanzjonijiet negattivi u pożittivi jsaħħaħ il-proċess tas-soċjalizzazzjoni. Iddiskuti.
2. Il-mobbiltà soċjali turi soċjetà ħajja fejn kull individwu jkollu ċ-ċans jibdel il-pożizzjoni tiegħu fis-soċjetà. Iddiskuti.
3. X'wassal biex illum fis-soċjetà m'għadekx issib **monokultura** iżda **multikulturaliżmu**?
4. Illum f'soċjetajiet żviluppati nsibu erba' setturi tax-xogħol, uħud iktar importanti minn oħrajn għall-ekonomija. Ikteb dwar dawn is-setturi u uri li taf id-differenza fl-importanza ta' dawn is-setturi skont il-grad ta' żvilupp li l-pajjiż ikun laħaq.

**Total: 100 marka**